MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 2570/2000/1

**Edward u Salvina konjuġi Grech f'isimhom proprju u bħala leġittimi rappreżentanti ta' binhom minuri Roderick Grech**

***Versus***

**Joseph Zahra**

Din il-kawża hija dwar inċident tat-triq.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-30 t'April 1997 għal xi s-1.00 *p.m.* seħħ inċident fi Triq l-Imdina, Ħaż Żebbuġ, meta l-vettura *Marina* E 6498, proprjetà ta' l-atturi miżżewġin Grech u misjuqa mill-attur Edward Grech, ħabtet mal-vettura *Mercedes* numru JAD 513 misjuqa mill-konvenut. Fil-*Marina* ma' l-attur kien riekeb ibnu Roderick.
L-atturi ġarrbu danni minħabba fl-inċident, kemm *damnum emergens* u kif ukoll *lucrum cessans* għax Edward Grech u Roderick Grech ġarrbu ġrieħi gravi u debilità li ma jfiqux minnha, u Roderick kien ukoll f'perikolu li jitlef ħajtu.

Billi għalxejn sejħu lill-konvenut biex jagħmel tajjeb għad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenut jaħti għall-inċident u tillikwida d-danni, tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tal-15 ta' Diċembru 1998 u ta' ittra uffiċjali oħra ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni għan-notifika ta' l-assikuratur tal-konvenut.

Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi hu ma jaħtix għall-inċident u illi l-ħtija kollha hija ta' l-attur Edward Grech. Il-konvenut inqeda wkoll bil-proċeduri mibdija mill-atturi biex b'rikonvenzjoni talab illi l-qorti, wara li tgħid illi l-attur jaħti għall-inċident u tillikwida d-danni, tikkundanna lill-attur iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħax mit-23 ta' Diċembru 1998 u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittri uffiċjali tat-23 ta' Diċembru 1998 u tad-19 ta' Diċembru 2000.

Għal dawn il-kontro-talbiet l-attur ressaq l-eċċezzjoni illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut, u għalhekk ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur il-konvenut. Ressaq ukoll l-eċċezzjoni illi l-kontro-talba għall-imgħax ma tistax tintlaqa' għax id-danni pretiżi mill-konvenut ma humiex likwidati u għalhekk l-imgħax jibda jgħaddi minn dakinhar tas-sentenza.

Aktar 'il quddiem l-attur kompla ressaq l-eċċezzjoni illi l-azzjoni tal-konvenut waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili. B'nota tad-29 ta' Mejju 2001, iżda, l-attur irtira din l-eċċezzjoni.

Din is-sentenza tallum hija biss dwar min jaħti għall-inċident.

L-inċident seħħ fi Triq l-Imdina, Ħaż Żebbuġ, it-triq illi minn Ħaż Żebbuġ tieħu għar-Rabat. L-attur kien sejjer lejn ir-Rabat u l-konvenut kien ġej mir-Rabat.

L-attur stqarr illi hu ma jafx sew dawk l-inħawi u illi, għalkemm kien qiegħed isuq lejn ir-Rabat, ried isib mnejn seta' jdur lura biex imur lejn il-Belt Valletta, u għalhekk saq qrib is-*centre strip*. Meta ra li kien hemm fetħa kbira fis-*centre strip*, u ra vetturi oħra li kienu quddiemu jduru lejn din il-fetħa biex imorru lejn Ħaż Żebbuġ, billi hu wkoll ried imur f'dik id-direzzjoni, għamel bħalhom: xegħel l-*indicator* tal-lemin, dar lejn il-fetħa u ħareġ kemm kemm jiċċaqlaq biex jara kienx ġej traffiku mir-Rabat. Qal ukoll

illi, għalkemm fuq is-*centre strip* hemm xi siġar żgħar, "il-fetħa … … … tant kienet wiesa' li vettura li se ddur minnha tidher sewwa għat-traffiku ġej mid-direzzjoni tar-Rabat".
Kompla jgħid illi, meta ra li ma kienx ġej traffiku mir-Rabat, dar għal fuq il-karreġġjata li tieħu lejn Ħaż Żebbuġ u ġie fuq in-naħa tas-*centre strip*. Kien laħaq saq xi ħmistax-il pied meta sema' ħoss kbir ta' *brake* minn warajh u mill-mera seta' jara l-*Mercedes* tal-konvenut "ġejja bla kontroll" sa ma laqtitu fil-bieba ta' wara tax-xellug.
Il-konvenut xehed illi kien waħdu fil-*Mercedes* ġej min-naħa tar-Rabat. Kien għaddej b'veloċità ta' erbgħin — ma jafx humiex mili jew kilometri — fis-siegħa meta f'ħin minnhom ħareġ l-attur mill-ġenb meta kien biss tul ta' xi żewġ karrozzi bogħod minnu. Żamm *brake* iżda ma kienx biżżejjed biex ma jaħbtux.
Liż-żewġ vetturi saritilhom ħafna ħsara, kif jixhdu r-ritratti esebiti fil-proċess.
Dawn huma ż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet; naraw issa ta' min hija l-ħtija.
L-attur għamel manuvra ta' *U-turn* u hekk daħal fil-karreġġjata ta' traffiku li kellu l-preċedenza fuqu. Billi din ma hijiex manuvra normali, kellu d-dmir illi, qabel ma jidħol fil-karreġġjata, jara li seta' jibda u jtemm il-manuvra bla ma joħloq perikolu u bla ma jġiegħel lit-traffiku li jkun ġej minn dik il-karreġġjata jnaqqas il-veloċità jew jagħmel manuvra biex ma jolqtux. Madankollu, għalkemm il-manuvra li għamel l-attur hija waħda perikoluża u mhijiex normali, ma hijiex manuvra vjetata; tista' ssir, biss titlob attenzjoni kbira minn min jagħmilha.
Għalkemm kellu d-dmir li jara li fit-triq ma kienx hemm traffiku li seta' jinħoloqlu ostaklu bil-manuvra tiegħu, l-attur seta' jara biss dak li seta' jidher. Jekk it-traffiku kien tant il-bogħod illi, minn fejn kien l-attur, ma kienx jidher, l-attur ma setax jarah, u ma kienx b'nuqqas tiegħu li ma rahx. Lanqas ma jista' jingħad illi l-attur għażel post ħażin mnejn jilwi, fejn il-viżibbiltà hija limitata, għax it-triq fejn seħħ l-inċident hija dritta x'aktarx fit-tul. F'dak it-tul, l-attur seta' raġonevolment jistenna illi, ladarba t-triq kienet ħielsa meta beda jilwi, kien sejjer jilħaq itemm il-manuvra u jsib postu fit-triq sakemm it-traffiku li jitfaċċja wara li hu jkun beda l-manuvra jilħaq jasal sa ħdejh.

Fil-każ tallum hekk kien jiġri, u ma kienx iseħħ l-inċident, li kieku l-konvenut kien qiegħed isuq bil-għaqal. Il-konvenut, iżda, ma kienx qiegħed isuq bil-għaqal. Għalkemm xehed illi kien qiegħed isuq b'erbgħin mil jew kilometru fis-siegħa, ħalla *brake mark* ta' tmienja u sittin metru, u dan ma kienx biżżejjed biex jieqaf għax fadallu biżżejjed *momentum* biex jaħbat mal-vettura ta' l-atturi u jagħmel ħafna ħsara. Biex ħalla *brake mark* ta' dak it-tul u għamel dik il-ħsara kollha, il-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità li aktar tistennieha fuq il-pista ta' Monza milli fuq it-toroq tagħna.

L-inċident seħħ għax il-konvenut tant kien qiegħed iġerri illi qasam id-distanza kollha bejn fejn kien meta l-attur beda l-manuvra tiegħu — meta l-konvenut kien għadu ma jidhirx fit-triq — sa fejn saret il-ħabta fil-ftit ħin illi l-attur ħa biex lewa u dar fil-karreġġjeta li tieħu lejn Ħaż Żebbuġ. Il-fatti f'dan il-każ jixbhu ħafna lil dawk fil-kawża **Manwel Micallef *versus* Stephen Spiteri**, maqtugħa mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 t'April 2001, fejn il-qorti kienet sabet illi l-ħtija kienet ta' min kien qiegħed isuq bla rażan.

L-attur ma setax jagħmel aktar minn dak li għamel: ma setax jara dak li ma kienx hemm meta kellu d-dmir li jara qabel ma joħroġ. Il-ħtija għalhekk hija kollha tas-sewqan bla rażan u bla għaqal tal-konvenut.

Il-qorti għalhekk, wara li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u tiċħad ukoll il-kontro-talbiet tiegħu, tipprovdi dwar l-ewwel talba ta' l-atturi billi tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu. Tordna illi jitkompla s-smigħ tal-kawża għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------